MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2014

Numru. 329/2008

**Artikoli 214, 215, 325(b), 339(1)(b) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur James Grech)**

**vs**

**ABDELLAH BERRAD**
**YOUNESS BERRAD**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **Abdellah Berrad** bin Abdellah Berrad u Ziuoat Malika, imwieled Marokk fid-19/05/1976, residenti 90, Triq it-Tankijiet, Birzebbugia, u detentur tal-karta tal-identita' numru 22642A,

u

**Youness Berrad** bin Abdellah Berrad u Zuoat Malika, imwieled Marokk fil-01/08/1973, residenti 6, Roses, Triq il-Kbira, Gudja, u detentur tal-karta tal-identita' numru 92698M, gew akkuzati talli fl-24 ta' Frar 2008, ghall-habta tat-20:00hrs gewwa Putirjal Floriana:

1. (a) minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' Salah Ali Missawi Ali Abel Fetah f'periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-istess Saleh Ali Missawi Ali Abel Fetah detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 38093A, liema hsara giet ikklassifikata bhala hafifa kif iccertifikat minn Dr. Andrew Amato Gauci M.D. Tal-isptar Mater Dei, (b) liema offiza giet maghmula b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamul hsara jew gharrqu hwejjeg mobbli ta' Saleh Ali Missawi Ali Abel Fetah detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 38093A, u cioe' vettura tal-ghamla Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni IAA949, liema hsara tammonta ghal aktar minn Euros116.47 (Lm50) izda anqas minn Euros1164.67 (Lm500),

3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waddbu gebel jew hwejjeg ohra ibsin jew qabdu armi ohra kontra Salah Ali Missawi Ali Abel Fetah,

4. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kissru l-bon ordini u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

5. hebbew kontra l-persuna ta' Salah Ali Missawi Ali Abel Fetah sabiex jingurjawh, idejquh jew jaghmlulu hsara.

Il-prosekuzzjoni talbet li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-**Artikolu 412(c)** fejn tipprojbixxi lill-imputati milli javvicinaw lil Saleh Ali Missawi Ali Abel Fetah u r-residenza tieghu kif ukoll il-post li tali persuna jiffrekkwenta.

F'kaz ta' htija, il-prosekuzzjoni talbet illi l-Qorti tipprovdi ghas-sigurta' ta' Saleh Ali Missawi Ali Abel Fetah u l-familja tieghu ai termini tal-**Artikolu 382A** et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom il-fedina penali taz-zewg imputati inseriti a fol. 7 u 8 immarkati bhala dok JG1 u JG2 rispettivament, il-kunsens tal-Avukat Generali  mmarkat bhala dok JG 3 datat 15 ta’ April, 2008 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza b’mod sommarja fil-vesti t' din il-Qorti kif fuq riferita.

**L-Ispettur James Grech** xehed fid-29 ta' Lulju, 2008 fejn iddikjara li fl-erbgha u ghoxrin ta' Frar, tas-sena 2008 ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija, il-Pulizija giet infurmata li kien hemm argument f'Putirjal Floriana, f'Diana Kiosk bejn zewg irgiel ta' nazzjonalita' barranija. Qal li l-Pulizija marru fuq il-post u sabu lil Abdellah Berrad, li kellu xi griehi f'wiccu. Kienet ingiebet ambulanza u Abdellah Berrad ittiehed il-poliklinika u wara ttiehed l-isptar.

Qal li gew innutati xi siggijiet u mwejjed maqlubin. Il-Pulizija kienet sabet lil Saled Ali Mesawi Ali Abdel Fetah fil-karozza tieghu fl-akwati, li kellu wkoll griehi u ttiehed fil-polikinika. Qal li l-Pulizija baqghet ma' dana Saleh biex ma jkunx hemm kuntatt bejnu u Abdellah Berrad. Kompla jghid illi Abdellah Berrad u Saleh Fetah intbghatu mill-isptar u gew mizmuma mill-Pulizija.

Kien fil-25 ta' Frar 2008 li kien kellem lil Abdellah Berrad u lil Saleh Fetah, u qal li t-tnejn iddikjaraw li l-argument inqala' meta Saleh Fetah kien qieghed jiehu drink Diana Kiosk u mar jilghab il-kaxxa tal-loghob, u kien hemm tifel zghir li beda jmisslu l-buttuni ta' din il-kaxxa u dana Salah Fetah ghamel ghal dan it-tifel, spicca b'argument ma' Abdellah Berrad ghaliex dana kien qal lil dan Saleh li kien tifel zghir u ma kellux ghalfejn jaghmillu hekk. B'hekk spiccaw biex Abdellah Berrad u Saleh Fetah gew fl-idejn. L-Ispettur kien gharaf lil Abdellah Berrad bhala wiehed mill-imputati li kien prezenti fl-awla u kellu ksur go mniehru u Saleh Fetah spicca b'xi punti f'rasu.

L-Ispettur Grech stqarr illi in kwantu ghall-vettura ta' Saleh Fetah li kienet Ford Escort (IAA949) kellha hsarat konsiderevoli mad-dawra kollha taghha, kif ukoll fil-hgieg u l-fanali. Kien hemm daqqa partikolari gewwa l-windscreen, u qal li kien jidher li din id-daqqa kienet saret bi flixkun tal-Lager ghaliex kien hemm bicca mill-isticker tal-flixkun imwahhla mal-windscreen.

Saleh Ali Missawi Ali Adel Fetah kien qallu li wara l-argument kemm Abdellah Berrad u Youness Berrad bdew iwaddbulu l-fliexken. Waqt li Abdellah Berrad u Youness Berrad kienu qalu lill-Ispettur li l-hsara fil-vettura ta' Saleh Ali Missawi Ali Adel Fetah grat meta dana l-istess Saleh Fetah beda jsuq il-vettura tieghu gewwa l-imwejjed u s-siggijiet li kienu barra l-istabbiliment. Qal li l-imputati qalulu li Saleh Ali Missawi Ali Adel Fetah kien ghadu mhux konxju minhabba d-daqqa li qala' f'imniehru, u Youness Berrad kien qieghed jghin lil huh Abdellah, u ghalhekk it-tnejn li huma ma setghux kienu qieghdin iwaddbu l-fliexken.

L-Ispettur esebixxa bhala Dok JG4 stqarrija tal-imputat Abdellah Berrad li ttiehdet nhar il-25 ta' Frar 2008 u kkonferma li kien inghata t-twissija skond il-Ligi, u li Abdellah Berrad kien irrilaxxa din l-istqarrija b'mod volontarju. L-Ispettur gharaf il-firma tieghu, dik ta' PC1098 Anthony Scerri u tal-imputat Abdellah Berrad.

L-Ispettur esebixxa bhala Dok JG5 stqarrija tal-imputat Youness Berrad li ttiehdet nhar l-14 ta' Marzu, 2008, li kien qieghed jaghrfu fl-awla u kkonferma li kien inghata t-twissija skond il-Ligi, u li Youness Berrad kien irrilaxxa din l-istqarrija b'mod volontarju. L-Ispettur gharaf il-firma tieghu, dik ta' PC57 Matthew Buhagiar u tal-imputat Youness Berrad.

Gie esebit ukoll certifikat mediku rilaxjat fil-konfront ta’ Saleh Ali Missawi Ali Adel Fetah li gie mmarkat bhala Dok JG6.

**PC 14 Clayton Fiteni** xehed fid-29 ta' Lulju, 2008, fejn iddikjara li fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena 2008 ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija, kien ircieva telefonata fl-ghassa tal-Belt fejn kien stazzjonat fejn kien gie infurmat li kien hemm glieda f'City Gate fejn il-Diana Kiosk. Jghid illi kif kienu sejrin ghal fuq il-post, Saleh Ali Mesawi Ali Abel Fetah mar bil-karozza tieghu, Ford tal-kulur blu fejn l-ghassa tal-pulizija l-Belt.

Jghid illi kien innota li l-windscreen kien imkisser. Ix-xhud jghid li Saleh Ali Missawi Ali Adel Fetah hareg mill-vettura tieghu u qal lill-Pulizija li waqt li kien fil-vettura tieghu Abdellah Berrad qabad jaghtih u fl-incident qala' daqqa ta' flixkun f'rasu. Saleh Ali Missawi Ali Adel Fetah ittiehed ic-centru tal-Furjana u wara l-isptar b'ambulanza. Ix-xhud jghid li wara marru fuq il-post, hdejn Diana Kiosk u kienu nnutaw li kien hemm taqlib ta' siggijiet.

Il-Pulizija kienet kellmet lil Abdellah Berrad li x-xhud gharfu bhala wiehed mill-imputati, u x-xhud qal li Berrad kien stqarr li Saleh Ali Missawi Ali Adel Fetah kien aggredih u kien tah daqqiet f'wiccu u f'imniehru. Il-Pulizija sejhet l-ambulanza u Berrad ittiehed l-isptar. Saleh Ali Missawi Ali Adel Fetah kien gie certifikat li kellu griehi hfief mit-tabib Dr Andrew Amato Gauci tal-Casualty Department. Ix-xhud

ikkonferma li Dok JG6 huwa c-certifikat li kien gie rrilaxxat mit-tabib Andrew Amato Gauci rigward l-imputat Saleh Al Mesawi Ali Abel Fetah. Waqt li tabiba Charlene Vassallo mill-Casualty Department iccertifikat il-griehi tal-imputat Abdellah Berrad bhala ta' natura gravi. Ix-xhud jghid li l-investigazzjoni kompliha l-Ispettur James Grech.

Ix-xhud esebixxa okkorenza li hija mdahhla minnu u hija ffirmata minnu, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. CFP1.

In kontro ezami, ix-xhud jghid li meta wasal il-post Abdellah Berrad beda jghid li beda jistordi ftit u li beda jhoss ugiegh f'rasu, u ghalhekk gablu l-ambulanza fuq il-post. Jghid illi lil Abdellah Berrad rah bil-wieqfa, izda ma jiftakarx kellux marka fuq imniehru jew le. Ix-xhud gharaf lil Youness Berrad prezenti fl-Awla. Jghid li fejn kien ra s-siggijiet imqalbin, u setghu jaccedu karozzi f’dik iz-zona.

**Saleh Ali Missawi Ali Abel Fetah** xehed fl-1 ta’ Settembru, 2008, fejn kien inghata t-twissija skond il-ligi mill-Qorti u kien ghazel li jixhed. Jghid illi fl-24 ta’ Frar, tas-sena 2008, fil-ghaxija fid-dahla tal-Belt fejn hemm il-gabbana maghrufa bhala ta' Ninu, fejn imur ta' spiss, kien gie mix-xoghol u mar jixrob, u kien qieghed jilghab bil-kaxxi tal-loghob, meta mar tifel zghir jilghab bil-buttuni tal-kaxxa tal-loghob u li qallu “*ersaq 'l hemm*.”

Ix-xhud qal li Abdellah, li kien gharfu bhala wiehed mill-imputati prezenti fl-Awla, li kien habib tieghu, kien qabad jghajru bil-familja. Ix-xhud stqarr illi kemm hu kif ukoll Abdellah kienu fis-sakra u bdew jghajru lil xulxin, u Abdellah qabad u tah daqqa ta' ponn fuq imniehru. Ix-xhud gharaf lill-imputat l-iehor prezenti fl-Awla. Jghid illi kien hemm kugin tal-imputat prezenti wkoll. Ix-xhud jghid li Youness Berrad, kien tah daqqa go nofs rasu, u li bid-daqqa spicca kellu jaghmel erba' (4) punti f' rasu. Ikkonferma li  l-imputati huma ahwa. Wara li qala' id-daqqa, l-imputati bdew iwaddbulu l-fliexken u dahal fil-karozza tieghu biex jahrab. Jghid illi l-imputati baqghu jwaddbulu l-fliexken u spiccaw biex kissrulu l-*windscreen* tal-karozza tieghu tan-naha ta' quddiem. Jghid illi ghamlulu hsara fil-genb inkluz fil-bieba u l-hgiega tal-bieba, u li kissrulu l-mera tal-genb tal-karozza kif ukoll tal-fanal tal-karozza, u kienu girfulu l-karozza bid-daqqiet tal-fliexken. Ix-xhud ikompli jghid li mbaghad kien hareg b'lura minn fejn kien bil-karozza biex hareg 'l barra, u mar id-Depot tal-Floriana u baghtuh l-ghassa tal-Belt fejn ghamel rapport lill-Pulizija, u wara l-Pulizija baghtuh l-isptar.

Ix-xhud ikkonferma li Dok JG6 huwa c-certifikat mediku tat-tabib li kien ghaddieh lill-Pulizija li kienu qieghdin jakkumpanjawh.

Ix-xhud jikkonkludi illi in kwantu ghall-hsarat li huwa kien diga' sewwa' fuq il-vettura tieghu, dawn jammontaw ghal sitt mija, hamsa u ghoxrin (625) Ewro u sitt (6) centezmi ta' Ewro, pero' jghid illi kien

fadallu li jsir *spraying* tal-brix fuq il-karozza li kien ghadu ma ghamlux. Jghid illi l-Ufficcjal Prosekutur kien ra l-hsarat fuq il-vettura.

**Saleh Ali Missawi Ali Abel Fetah** rega' xehed fis-seduta ta' wara u cioe' nhar it-tmienja (8) t'Ottubru, 2008, fejn qal li l-hsarat li kienu gew ikkagunati minhabba l-incident tal-1 ta' Settembru, 2008, kienu telghu ghall-kwazi sitt mitt (600) Euro, izda kien ghad fadallu xi tiswijiet ohra. Kien sewwa l-hsarat ghand il-*panel beater*, Joseph Debono. L-*ispare parts* ma kienx xtrahomlu kollha Joseph Debono, izda il-*windscreen* kien xtraha hu stess minghand haddiehor u pprezenta l-ircevuta relattiva mmarakta bhala Dok SMF1, u jghid li hallas sitta u sittin (66) Euro ghal dan il-*windscreen*.

**Joseph Debono**, xehed nhar it-8 t' Ottubru, 2008 u qal li huwa *panel beater*, u li huwa kien tqabbad minn Saleh Ali Missawi Ali Abel Fetah biex jaghmillu xogholijiet ta' tiswija fuq vettura b'registrazzjoni numru IAA 949 tal-ghamla Ford Escort, u kkonferma li kien ghamel ix-xoghol, izda kien fadallu jisprejjaha u li l-ammont totali tal-*parts* u tiswija u *spray* huwa ta' sitt mitt (600) Euro. Ix-xhud esebixxa dok JD1 tal-*parts*, li hija ghas-somma ta' erba' mija wiehed u hamsin Euro u erbgha u disghin centezmu ta' Euro (€451.94) li hija kopja tal-originali, peress li l-originali kien ghaddiha lil Saleh Ali Missawi Ali Abel Fetah. Stqarr illi Saleh Ali Missawi Ali Abel Fetah kien gja hallsu tal-parts.

**Joseph Debono** xehed in kontro-ezami fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2012 u stqarr illi il-karozza ma kienx sewwiha izda biss ta stima tax-xogholijiet li kellu jsir, u li fis-seduta tat-8 ta' Ottubru, 2008, kull ma kien ghamel huwa li tela' bl-ircevuta.

**It-Tabib Andrew Amato Gauci MD** xehed nhar il-5 ta' Mejju 2009, bil-lingwa Ingliza tradotta ghall-Malti mill-Qorti, u qal li d-dokument JG6 huwa certifikat mediku li kien hareg hu stess, u kkonferma l-kontenut ta’ l-istess certifikat li huwa ta' Saleh Ali Missawi Ali Adel Fetah, li kellu *lacerated contused wound* fuq in-naha ta' wara ta' rasu u kien ghamel erba' punti. Il-qasma kien fiha xi erba' centimetri. It-Tabib kien ikklassifika dawn il-griehi hfief sakemm ma jkunx hemm kumplikazzjonijiet.

**L-imputat Abdellah Berrad** xehed minn jeddu b’mod volonarju nhar il-11 ta' Settembru, 2013 u qal illi huwa kien jahdem go hanut il-Belt gewwa Putirjal fejn kien hemm tal-linja, u hemmhekk kienu jbieghu l-hobz, xorb u kellhom kaxxi tal-loghob, u li kien hemm wiehed qed jilghab il-kaxxa li kien imur tlett ijiem fil-gimgha, erbat ijiem, u waqt li kien qieghed jilghab il-kaxxa, ghadda tifel zghir jismu Mark, li fiz-zmien tal-incident kellu xi hames jew sitt snin, u ma kienx cert misslux il-kaxxa, u r-ragel beda jghajjat mieghu, jghid li kellmu b'mod aggressiv. Ix-xhud qal illi huwa bil-kalma qal lil dan ir-ragel li t-tifel huwa zghir u konsegwenza ta' dan Saleh Ali Missawi Ali Adel Fetah tah daqqa ta' ras u gibdu mal-art wara l-bar.

Meta tah id-daqqa ta' ras kisirlu mniehru, u meta gie f'tieghu sab ambulanza u l-pulizija u lil huh. Jghid illi huwa ma missux lil dan ir-ragel u li kien ir-ragel li kisser il-hanut bil-karozza, u ma ghamillu l-ebda hsara. Ma kienx rah lir-ragel wara dan l-incident izda beda jarah il-Qorti ghas-smiegh tal-kawza. Jghid illi huwa ma waddab xejn u lanqas qabad xi armi kontra dan ir-ragel. Dak il-hin tal-incident kien hemm l-imghallem tax-xhud warajh. L-imputat  jghid illi Youness ma kienx hemm waqt l-incident, u jghid li rah wara li gie f'tieghu wara d-daqqa li qala'.

In kontro ezami, l-imputat  jghid li kien ilu jaf lil dan ir-ragel xi sena ghaliex kien imur fil-hanut. Ma jafx minn fejn gewh id-daqqiet lil dan ir-ragel u li ma kienx hu li tahomlu. Jichad li qatalu subajh ta' idejh b'sikkina. Ikkonferma ghal darb'ohra  illi huh ma kienx fil-hanut fil-hin tal-incident, u li l-Imghallem tieghu kien qieghed hemm wara l-bank jaghmel il-hobz.

Jghid illi ma jafx u ma ra lil hadd iwaddab fliexken tal-birra fuq il-karozza ta' dan ir-ragel. Jghid illi huwa dam naqra mitluf minn sensieh, izda ma jiftakarx kemm dam, jiftakar li sab ruhu mal-art bid-demm u kien hemm min jaghmillu l-ilma biex iqum.

**Youness Berrad** xehed nhar il-11 ta' Settembru, 2013 u jghid illi fl-24 ta' Frar 2008 jiftakar li kien hemm *mass meeting* il-Furjana u li hu kien sejjer hdejn huh Abdellah, u f'daqqa wahda ra hafna nies fejn il-bieb tal-hanut fejn jahdem Abdellah, u mar hemm, u ra lil huh li kellu d-demm ma' wiccu. Ikompli jghid li xi hadd ghamillu l-mobile ma widnejh u ma kienx jaf jekk hux qieghed ikellem lill-Pulizija jew lill-Ambulanza, ra lil xi hadd jirrejzja hafna l-karozza, u jghid li kien Ali li ma jafx kunjomu. Ikkonferma li kien qieghed jirreferi ghal Saleh Ali Missawi. Dan kien qieghed jirrejzja l-karozza u saq ghal fuq l-imwejjed. In-nies telqu u anke habat ma' sigra.

Ix-xhud jghid illi huwa ma hebbx ghal Missawi jew tah xi daqqa, jghid li kulhadd jibza' minnu ghaliex bniedem kriminali u li ftit zmien qabel kien ta daqqa ta' sikkina lil wiehed fil-vicinanzi tal-post fejn sehh l-incident. Ix-xhud jghid illi anqas kellmu lil Missawi.

In kontro-ezami Youness Berrad jghid illi huwa ma tax daqqiet lil Missawi b'hadida u rrepeta li huwa ma kellmux, izda jghid kien kellmu filghodu jew wara nofsinhar ghaliex kellu bzonn ta' xi flus biex jilghab u tah ghoxrin Ewro. Jghid li kien rah jirrejzja l-karozza u li saq ghal gol-imwejjed u ghal gol-imputati. Jichad li Missawi saq ghal gol-ahwa Berrad minhabba l-ammont ta' fliexken li kienu waddbulu. Jghid illi dak il-hin li saq Abdellah Berrad kien qieghed mal-art, u n-nies bdew jaharbu u telqu, u Missawi habat mal-karozza mas-sigra u l-imwejjed. Meta mistoqsi minn fejn gew id-daqqiet tal-fliexken fil-karozza ta' Missawi, hu rrisponda li dak sehh meta baqa' diehel gol-flieken fuq l-imwejjed. Jghid illi hadd ma waddab fliexken, kien hemm

hafna fliexken mal-art, kien hemm hafna kaxxi tal-birra u imwejjed bil-birra u inbid u Missawi baqa' diehel fihom u tajjarhom, huh kien ghadu mal-art u ftit wara gew l-ambulanza jew il-pulizija. Jghid illi ma rax demm f'wicc Saleh Ali Missawi Ali Adel Fetah, u li kellu karozza celesta jew blu u ta' daqs normali.

**Anthony Fenech** xehed nhar it-8 ta' Jannar, 2014, u qal li huwa jahdem fl-*isnack bar* tieghu f'Bieb il-Belt, u li Abdellah jahdem mieghu. Jghid illi fl-24 ta' Frar, 2008 filghaxija kien qieghed fil-hanut isajjar wiccu lejn Abdellah u f'daqqa wahda jara lil Abdellah mal-art barra bid-demm. Kien qisu xi hames piedi 'l boghod minn Abdellah. Kien rah fuq genbu, hdejn il-bieb ta' barra tal-gabbana, fuq in-naha ta' wara. Il-kaxxa li kien qieghed jilghab fuqha r-ragel l-iehor kienet quddiem il-bank mal-hajt. Jghid li wara sar jaf li dan kien ta d-daqqa ta' ponn lil Abdellah, u kien Gharbi, u wara rah li telaq jigri u mar bil-karozza, kisser is-siggijiet u beda jkisser gol-gabbana u harab minn fuq il-post bil-karozza. Ix-xhud jghid li mhux il-hin kollu kien qieghed ihares lejn Abdellah ghaliex meta kien qieghed isajjar ma kienx qieghed ihares lejh, u meta nqala' l-incident kien qieghed jaghmel l-ikel. Jghid li sema' l-ghajjat, izda ma jifhimx il-lingwa taghhom, u Abdellah kien gia hareg u waqa' mal-art. L-iehor saq ghal fuq in-nies u fuq l-imwejjed li kien hemm u b'velocita' qawwija saq u sab sigra u l-karozza tax-xhud, imbaghad regga' lura bis-salt. Jghid li s-sewqan kien ta' persuna aggressiva u mhux persuna kalma.

Ix-xhud ipprezenta Dok FA1 mahrug minn ECB Catering Equipment Ltd  tal-hsarat li sofra x-xhud minhabba l-incident. Ix-xhud ikompli jghid li Youness ma kienx hemm, u meta sema' dwar l-incident mar jara xi gralu huh. Ix-xhud jghid li kien hemm tahwid kbir dak il-hin tal-incident, u l-hanut tieghu jitkisser minn Saleh Ali Missawi Ali Adel Fetah bil-karozza. Kien hemm anke t-tifla tax-xhud prezenti.

In kontro-ezami, ix-xhud jghid li l-persuna l-ohra kien qieghed jilghab il-kaxxa gewwa l-kjosk. Dak il-hin tal-incident ma kienx jaf dwar x'hiex kien l-argument, kien wara li sar jaf. Jghid illi huwa ma rahx jibda l-argument izda ra d-daqqa ta' ponn u sema' l-ghajjat u lil Abdellah barra. Wara jghid li hu ra wicc Abdellah bid-demm u mhux rah jaqla' d-daqqa. Jerga' jghid li Abdellah u r-ragel l-iehor kienu qieghdin jitkellmu bil-lingwa taghhom li huwa ma jifhimx, imbaghad li l-iehor beda jsuq gol-imwejjed u ghal gol-hajt u go kullimkien. Ix-xhud jghid li dan ir-ragel baqa' gej fuq il-kaxxi tal-fliexken u li hu kissirhom, u li hu ma ra lil hadd iwaddab xi fliexken, u kien il-persuna stess li kien isuq li beda jtajjar il-fliexken bis-sewqan tieghu. Meta l-prosekuzzjoni qalet li x-xhud li huwa ma kienx fil-post meta sehh l-incident, u li dan kollu semghu minghand terza persuna, ix-xhud jinsisti li kien fuq il-post dak il-hin tal-incident.

Illi l-imputati t-tnejn irrilaxxjaw statement u dan *a tempo vergine* ta’ l-investigazzjoni:-

L-imputat Abdellah Berrad stqarr b'referenza ghall-incident li sehh li Saleh Ali Missawi Ali Adel Fetah kien qed jixrob hdjen il-kaxxa tal-loghob u kien hemm tifel zghir u mess xi haga u sema' lil Saleh Ali Missawi Ali Adel Fetah jghajjat ma' dan it-tifel u fil-pront qallu 'x'seta ghamillek' it-tifel u minn hemm il-quddiem ma jiftakar xejn aktar ghaliex tah daqqa go imniehru u ntilef minn sensieh.  Wara ftit jghid li gew hafna nies u beda gej f'sensieh u beda jisma' karozza tirrejzja u raha ttajjar l-imwejjed u s-siggijiet tal-gabbana, telghet fuq il-bankina u kisret anke xi barriers tar-reklami u telaq. Qal li  kien Saleh Ali Missawi Ali Adel Fetah stess li kisser il-vettura tieghu meta habat gol-barriers u tela' fuq il-bankina. Mistoqsi jekk waddabx xi fliexken wiegeb fin-negttiv u qal li lanqas energija ma kellu. Jghid li l-impuat kien involut f'incident iehor xi tlett ihdud qabel.

Younness Berrard, l-imputat ukoll irrilaxxja stqarrija *a tempo vergine* tal-investigazzjoni. Spjega li dakinhar tal-incident kien vicin hafna tal-gabbana u f'daqqa u l-hin ra hafna nies jigru u mar jara x'gara. Kif wasal ra lil huh bid-demm niezel ma' wiccu u xi nies ixarbulu wiccu bl-ilma ghax intilef minn sensieh. F'daqqa wahda ra wiehed li wara gharfu bhala li kien Saleh Ali Missawi Ali Adel Fetah jirrejzja l-vettur tieghu u jaqla' bil-karozza b'sahtu ghal gol-imwejjed tal-gabbana bil-karozza b'kollox, fil-kaxxi tal-fliexken vojta u gos-sigra. Jahseb li pprova johrog minn gol- Phoenicia izda hemm ma jinfidx u ghalhekk kellu johrog bir-reverse. Jghid li ma kienx f'sensieh kien fis-sakra. Jichad li huwa f'xi hin ta xi daqqa b'hadida f'ras Saleh Ali Missawi Ali Adel Fetah u jichad ukoll li kien hemm min beda jitfa' xi flixken fid-

direzzjoni ta’ Saleh Ali Missawi Ali Adel Fetah. Stqarr li fil-fatt kulhadd jibza' minn dan Saleh Ali Missawi Ali Adel Fetah. Mistoqsi kif inkisret il-karozza ta’ Saleh Ali Missawi Ali Adel Fetah jghid li dan gara meta huwa beda jsuq gol-imwejjed u fil-kaxxi tal-fliexken vojta.

Il-Qorti rat illi l-partijiet f’din il-kawza kienu diga' ittrattaw il-mertu tal-kaz quddiem din il-Qorti diversament preseduta u fil-fatt it-trattazzjoni tal-partijiet li saret nhar is-6 ta' Marzu, 2014, tinsab dattilografata u esebita fil-process a fol. 107.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b’digriet tas-Sinjorija Tieghu l-Prim Imhallef b’digriet tieghu tal-21 ta' April, 2014.

Rat illi din il-Qorti kif preseduta appuntat il-kawza ghal nhar il-5 ta’ Mejju, 2014 u dan sabiex tara jekk il-partijiet kienux ser jezentawha mill-htiega li terga' tisma l-provi mill-gdid u sabiex f’dan il-kaz l-istess partijiet ikunu f’posizzjoni li jergghu jittrattaw quddiemha sabiex b’hekk din il-kawza tista’ tithalla ghas-sentenza.

Rat illi fis-seduta tal-5 ta Mejju, 2014 il-partijiet ezentaw lil din il-Qorti kif preseduta mill-htiega li terga' tisma' ix-xhieda mill-gdid u talbu pero' li jergghu jittrattaw il-kaz u ghalhekk din il-Qorti ddiferit il-kawza ghal nhar id-9 ta’ Mejju, 2014.

Illi nhar is-16 ta' Mejju, 2014 dehru l-imputati u l-avukati difensuri fejn ghamlu referenza ghat-trattazzjoni li tinsab esebita fl-atti a fol. 107 u talbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat:

Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'l fuq li fl-**Artikolu 638(2) tal-Kap. 9** ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghall-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Lee Borg**', fejn kien gie ritenut li

provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu imressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil'**,

"*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li ipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Parctice** (1997 edition para 10-3) b'referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kaz **Teper vs R** (1952) jghid:

"*Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure taht there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference.*"

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**'.

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni.

Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet ta' kif sehhet il-grajja, dik proposta mill-imputat Abdellah Berrad li jghid li kien l-imputat li

ferieh fuq imniehru u ntilef minn sensieh u dan wara li ttenta jikkoregih ghaliex beda jghajjat ma' tifel ta' hames snin u bhala rizultat ta' dan inqala' l-incident fejn l-imptuat spicca dahal fil-vettura tieghu, irrejzja u baqa' diehel fuq il-bakina fil-barriers u fl-imwejjed bil-fliexken u fil-kaxxi vojta li kellhom il-fliexken tal-gabbana fejn jadem u sa certu punt korrobroat minn l-imputat Youness Berrad u l-imghallem taghhom Anthony Fenech u dik tal-allegat vittma li jghid li kien l-imputat Abdellah Berrad li beda jghajru, jghajjat mieghu u jwaddablu l-fliexken fid-direzzjoni tal-karozza tieghu u li l-imputat Youness Berrad tah daqqa fuq rasu b'bicca hadida liema verzjoni ta' fatti hija mcahda mill-imputati.

Ghalhekk m'hemmx dubju li l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin ghalkemm inghad sa minn dan l-istadju bikri tas-sentenza jidher li l-imputati li gew investigati a tempo vegine tal-investigazzjoni baqghu konsistenti fil-verzjoni tal-fatti taghhom sa meta xehdu l-Qorti viva voce minn jeddhom hames snin wara l-incident.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti ghandha tqies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha

tal-kaz u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti sfortunatament ma hiex f'pozizzjoni vantaggjuza ghall-Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija m'ghexietx il-process tul medda ta' zmien u ghalhekk m'hiex f'pozizzjoni li tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li ma kinitx hi stess li kkonstatat x'interess setgha kellu xi xhud f'data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konflingenti ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker'**:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u

dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890**:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Philip Zammit et'** u tghid pero' mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubju jkun dak dettat mir-raguni*.'

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer'**, dik il-

Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz '**Miller vs Minister of Pension**' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt*.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Il-Qorti ghalhekk ghandha taghmel apprezzament tal-fatti fl-isfond tas-suespost.

Illi fil-kaz in desamina l-Qorti sejra titratta z-zewg akkuzati b'mod distint peress li jidher li l-partecipazzjoni taghhom kienet wahda diversa u jidher li l-imputat Youness Berrad ma kienx fil-lok tal-incident meta inqala' izda wasal fuq il-post wara li hu l-ko akkuzat kien gja gie ferut.

Mhux kontestat li bhala fatt l-argument inqala' ghaliex l-imputat Abdellah Berrad ittenta jikkoregi lil Saleh Ali Missawi Ali Abdel Fetah meta dan kien qed jghajjat ma' tifel zghir ta' hames snin li ien vicin tieghu meta kien qed jilghab bil-magni tal-loghob. Jidher u dwar dan ma jidhirx li l-Qorti ghandha tiddubita li l-imputat Abdellah kien wissa lil Saleh Ali Missawi Ali Abdel Fetah sabiex ihalli lil dan it-tifel bi kwietu cioe' nonostante Abdellah jghid li spicca lil Saleh Ali Missawi Ali Abdel Fetah tah daqqa ta' ponn fuq imniehru.

Jidher li dak il-hin wasal hu l-imputat Abdellah u cioe' l-ko akkuzat Younness u ra lil huh bid-demm hiereg minn imniehru u kkonferma li dakinhar ra lil Saleh Ali Missawi Ali Abdel Fetah li kien aggressiv hafna kien qed jirrejzja bil-vettura tieghu u jsuq fuq il-bankina u ghal fuq l-imwejjed u ghal fuq kaxxi vojta tal-fliexken. Fil-fatt sid il-gabbana jikkonferma li ra dan kollu u fil-fatt jghid li huwa sofra xi hsarat u dan skond l-istimi esebiti fl-atti u mmarkati bhal dok AF1. Minn ezami ta'

dawn id-dokumenti komplessivament immarkati bhala dok AF1 jidher li effettivament is-Sur Fenech sofra hsarat fil-barriers (ghaxra) li kellu bil-logo ta’ Sammontana (fol. 104), fid-dustbin li kien wheel pedal (fol. 103) b’valur ta’ 30.39 euros u f’siggu u mejda fl-ammont ta’ euro 484.84.

Ma hemmx dubju ghalhekk li verament Saleh Ali Missawi Ali Abdel Fetah kien aggressiv u skond Younness kien ukoll fis-sakra.

Illi din il-Qorti temmen li kien l-imputat Younness li effettivament ikkawza l-ferita li kellu Saleh Ali Missawi Ali Abdel Fetah pero' dan ghamlu minhabba li kien qed jiddefendi lilu innifsu u lil huh mill-aggressjoni tieghu.

Kif inhu ben saput il-gustifikazzjoni ghal legittima difeza tirrizulta meta persuna tilqa’ b'forza l-vjolenza jew aggressivita' ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi kontra liema persuna hekk aggressiva l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-legittima difesa trid tkun intlahqet sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggessur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni ikkrejata unikament mhux minn min jadotta dik t-tip ta' difiza izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak il-perikolu jew theddid jew dannu mminenti. Fil-fatt l-**Artikolu 233 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

"*Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita' legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed nnifsu jew ta' haddiehor.*"

Dan il-kliem huwa car hafna fih nnifsu. **L-Artikolu 224 tal-istess Kap. 9** jispecifika l-kazijiet ta' bzonn attwali tad-difiza legittima.

Jigi rilevat minnufih li d-dritt ghal legittima difesa jitwieled u huwa konsegwentement naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Micallef**' (Vol. XXXIV pg. 1072) intqal li:

"*Id-disposizzjoni tal-ligi li tiskuza lil min jikkaguna offiza lill-persuna ohra in difesa tal-proprjeta' tal-ferritur, tirrikjedi li l-azzjoni, biex ikun skuzabbli, ghandha tizvolgi ruhha dak il-mument stess li tkun qed tigi nvaza l-proprjeta' u in difesa attwali taghha.*"

F'sentenza moghtija mill-**Corte di Cassazione** nhar s-sitta w ghoxrin (26) ta' Jannar, 1948 (Riv. Pen.1948 pg. 213) gie ritenut li:

"*Per la legittima difesa non occorre che sia in atto la violenza; basta il pericolo. E' sufficiente il gustificato timore di un offesa imminente. Nemo tenetur expectare doneo perciliatur.*"

Il-ligi taghna pero’ timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe’ it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew periklu jrid ikun ingust, gravi u nevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara rreparabbli lid-difensur, jigifieri hsara jew offiza fil-hajja, fil-gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu, stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri, il-perikolu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel, ghax dan jista’ jaghti kaz biss ghall-provokazzjoni u mhux difesa legittima.

Il-periklu jrid ukoll ikun assolut cioe’ li f'dak il-mument li kien qed isehh, ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Ghandu jigi applikat it-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem specifikaw, u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew x'messu ghamel id-difensur (l-imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa bl-uzu tal-forza. Fil-fatt il-**Professur Mamo *fin-Noti tieghu*** tal-ligi penali jghid:

"*The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time.*"

Fil-fatt, fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Jannar, 1995 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Psaila**' jinghad li:

*"Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista' jaghti lok biss ghall-provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu jrid ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor."*

Issa ma hemmx dubju li meta l-imputat Younness ra lil huh l-imputat Abdellah bid-demm niezel minn wiccu, b'hass hazin u fl-istess hin ra l-aggressur tieghu isuq b'manjera perikolu u feroci tant li baqa' ghaddej fuq l-imwejjed u fuq is-siggijiet u jkisser kull m'hemm, kien gustifikat jagixxi sabiex jipprotegi lilu nnifsu u lil huh. Pero' anke dwar il-feriti li ssubixxa Saleh Ali Missawi Ali Abdel Fetah jidher li hawn konflitt ghaliex waqt li Saleh Ali Missawi Ali Abdel Fetah jghid li Younness tah daqqa b'hadida fuq rasu a fol. 30 u li kellu bzonn erba' punti meta Saleh Ali Missawi Ali Abdel Fetah tkellem ma PC 14 Clayton Fiteni dan qallu li kien Abdellah li tah daqqa bi flixkun fuq rasu u ghalhekk anke hawn jidher li hawn konflitt dwar ezattament min tah daqqa u biex tahielu.

L-imputati jghidu li huma ma tefghux fliexkien fuq il-vettura ta' Saleh Ali Missawi Ali Abdel Fetah izda kien Saleh Ali Missawi Ali Abdel Fetah stess li kkaguna l-hsarat fuq il-vettura. Dwar dan il-Qorti m'ghandhiex l-icken dubju li seta' kien hu stess li kkaguna l-hsarat li kellu pero' jista' jghati l-kaz li l-imputati tefghu xi fliexken fid-direzzjoni tal-vettura ghaliex wara kollox meta xehed l-Ispettur James Grech dan jghid li fuq il-windscreen tal-vettura kien ra flixkun tal-lager u bicca mill-isticker tieghu kien imwahhal mal-windscreen.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li l-incident sehh b'tort tal-istess Saleh Ali Missawi Ali Abdel Fetah u l-imputati agixxew b'legittima difesa u

ghalhekk il-Qorti tiddikjara li mhux qed issib lill-imputati hatja ta' dawn l-istess akkuzi.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l- **Artikoli 214, 215, 325 (b), 339(1)(b), 339(1)(d) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed tilqa' id-difiza tal-legittima difesa u tilliberhom minn kull akkuza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------